# L-Artist Aaron Camilleri Cauchi



**Kitba ta' Cynthia Gafà**

Wistin, Alfred u Aaron … Sewwa jgħidu li bin is-sengħa għandu nofsha għax hekk huwa l-każ fil-familja ta' l-artisti Camilleri Cauchi. L-artist Aaron Camilleri Cauchi, iben Alfred u Catherine, twieled fit-12 ta' Marzu 1979. Minn ċkunitu, huwa kien dejjem josserva u jgħin lil missieru jimmudella fit-tafal, jaħdem l-istatwi tal-kartapesta u anke jiskolpi fl-injam u fil-ġebel. Ta' min jgħid li Alfred, iben l-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri, wiret is-sengħa ta' l-arti mingħand missieru u saħansitra għaddiha lil ibnu Aaron.

Fis-sena 2002 Aaron ħadem l-ewwel statwa kbira tiegħu fil-kartapesta. Proprju kienet il-Kummisjoni Armar fi ħdan il-Każin Banda San Filep li kkummisjonat lil Aaron din il-biċċa xogħol – l-ewwel anġlu minn sett ta' sitta, li qegħdin isebbħu Triq Sciortino f'Ħaż-Żebbuġ. Dan il-proġett tlesta s-sena l-oħra u jinkludi sitt anġli li magħhom hemm marbuta xi simboli ta' Città Rohan kif ukoll tal-patrun San Filep. Il-membri tal-Kummissjoni Armar reġgħu fdaw f'idejn dan l-artist għax proprju din is-sena ser tiżżanżan l-ewwel statwa minn sett ta' erba' evanġelisti li ser ikunu qed iżejnu l-misraħ tal-belt tagħna.

L-ewwel anġlu li Aaron ħadem għal Ħaż-Żebbuġ serva bħala l-punt tat-tluq għax minn dakinhar 'il quddiem bosta każini tal-baned, għaqdiet ta' l-armar u parroċċi ordnawlu settijiet ta' statwi tal-kartapesta sabiex iżejnu t-toroq ta' l-irħula tagħhom matul il-ġimgħa tal-festa. Fil-fatt, ix-xogħlijiet ta' Aaron insibuhom imxerrda ma' diversi rħula Maltin u Għawdxin. Fosthom insibu l-Gudja, il-Ħamrun, l-Imqabba, ir-Raħal Ġdid, ir-Rabat Għawdex, San Ġiljan, Ħal Qormi, Ħal Tarxien u l-aħħar u mhux l-inqas Ħaż-Żebbuġ. Fix-xogħlijiet ta' dan l-artist wieħed jista' jinnota l-istil akkademiku li huwa juża, il-ħlewwa fl-uċuħ kif ukoll l-oriġinalità tal-kuluri.

Aaron ħadem ukoll diversi ċenakli li wieħed jista' jżur fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Il-figuri *lifesize* li nsibu f'dawn iċ-ċenakli huma maħduma mill-*fibreglass*, teknika li Aaron tgħallem mingħand missieru. Fost iċ-ċenakli li ħadem dan l-artist żagħżugħ insibu dak li jittella' fil-kappella ta' Bir Miftuħ (il-Gudja), kif ukoll oħrajn fil-Belt Valletta, il-Fgura u San Ġiljan. Kien proprju missier Aaron, Alfred, li ħareġ b'din l-idea oriġinali ta' ċenakli bħala attrazzjonijiet ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-fatt, il-Każin Banda San Filep igawdi minn tliet wirjiet li huma xogħol dan l-artist. Dawn jinkludu ċ-ċenaklu, il-kruċifissjoni u d-difna ta' Sidna Ġesù Kristu.



Marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa ma nistax ma nsemmix iż-żewġ statwi li din is-sena Aaron ġie kkummissjonat jaħdem għad-Duomo ta' San Ġorġ f'Ragusa, Sqallija. Statwa minnhom hija dik tad-Duluri li nħarġet proċessjonalment nhar il-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt li l-oħra li turi lil Kristu Rxoxt intramat fuq l-artal maġġur f'Ħadd il-Għid. Iż-żewġ statwi huma maħduma mill-kartapesta, li hija tradizzjoni antika Maltija ta' wirt kulturali



prestiġġjuż, u proprju oriġinat minn ġewwa Sqallija.

Apparti milli jaħdem xogħlijiet fil-kartapesta, Camilleri Cauchi jispeċjalizza wkoll fil-qasam tar-restawr. Fl-1999 Aaron kien responsabbli mir-restawr ta' l-istatwi antiki tal-Ġimgħa l-Kbira li jinsabu fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Dawn l-istatwi tal-kartapesta nħadmu minn Saverio Laferla u Wistin Camilleri, u wħud minnhom imorru lura sa tliet mitt sena. Fis-sena 2001 Aaron kellu sehem importanti fir-restawr ta' l-istatwa titulari ta' Santa Marija li nsibu fil-Katidral t'Għawdex filwaqt li fl-2003 huwa rrestawra statwa ta' l-injam ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-parroċċa ta' San Romano fil-belt ta' Ruma. Flimkien ma' missieru, Aaron kellu l-opportunità li jaħdem ġewwa funderiji fl-Italja bħad-*Domus Dei* ta' Ruma u l-*Fonderia Storica Chiurazzi* ġewwa Napli. Huwa rrestawra wkoll diversi xogħlijiet artistiċi antiki li jinsabu f'kollezzjonijiet privati.

Aaron dam madwar disa' snin, mill-1995 sa l-2004, jaħdem ġewwa Palazzo Parisio, in-Naxxar. Hemmhekk, huwa kien responsabbli mix-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni. Fil-fatt, sar restawr fuq xogħlijiet li jinsabu fis-swali prinċipali ta' dan il-palazz. Dawn ix-xogħlijiet huma ta' artisti bħal Filippo Venuti, Antonio Cardona, G. Olzai and l-Professur Carlo Sada. Huwa serva wkoll bħala koordinatur sabiex Palazzo Parisio jsir attrazzjoni turistika.

Aaron qatta' l-ewwel xahrejn tas-sena 2004 ġewwa l-gżejjer ta' Trinidad u Tobago, fl-Oċean Atlantiku. Huwa kien ikkummisjonat mill-*World Heritage Developments*, mis-Sorijiet Dumnikani kif ukoll mill-Arċidjoċesi ta' Port of Spain sabiex jgħallem dwar il-dekorazzjonijiet fil-knejjes, inkluż l-affreski mal-ħitan, is-sengħa ta' l-induratura, il-bini ta' l-istatwi u l-konservazzjoni tagħhom. Aaron kien ukoll il-kelliem ewlieni f'konferenza li fiha ddiskutew il-knejjes storiċi u l-patrimonju tagħhom. Apparti minn hekk, Camilleri Cauchi kien responsabbli mir-restawr tal-Knisja ta' l-Isem Imqaddes. Hemmhekk, huwa rrestawra l-pitturi tal-ħitan kif ukoll indura s-soqfa. Waqt din iż-żjara, Aaron kellu laqgħat li jittrattaw il-promozzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt artistiku tal-pajjiż mal-Prim Ministru Patrick Manning, l-Arċisqof ta' Port of Spain Rev. Edward Gilbert, kif ukoll man-Nunzju Appostoliku Rev. Emil Paul Tscherrig.

Kulħadd jaf li f'Novembru li għadda l-Każin Banda San Filep ta dehra ġdida lis-saqaf ta' l-intrata l-antika ta' l-istess każin. L-artist Aaron Camilleri Cauchi kien wieħed mill-pilastri sabiex seta' jitwettaq dan il-proġett. Huwa ħa ħsieb id-dekorazzjoni ta' din l-intrata flimkien mal-pittur Joseph Tanti. Għall-festa ta' din is-sena sejra tiżżanżan mejda ġdida ġewwa s-sala prinċipali tal-każin. Aaron kellu rwol importanti fejn jidħol id-disinn ta' l-iskultura għal din l-istess mejda.

Għalkemm għadu żagħżugħ, l-artist Aaron Camilleri Cauchi diġà għandu profil wiesa'. Minn hawn, jiena nawguralu aktar suċċessi fix-xogħlijiet artistiċi tiegħu. Bħala Maltin għandna nħossuna ferm kburin li fi gżejjer daqstant żgħar insibu dan it-talent artistiku, li tassew għandna ngħożżu u napprezzaw!

